## *Mill-Istorja tal-Football f'Bormla*

# L-aktar staġun memorabbli tas-St. George's 1916 / 17

## *Ġrajja ta' 100 sena ilu*

Wieħed mill-aħjar staġuni li qatt kellu t-tim Bormliż, żgur li kien dan l-istaġun 1916 -17. Għall-ewwel u l-unika darba fl-istorja tiegħu s'issa rebaħ il-kampjonat tal-ogħla diviżjoni Maltija. Minbarra dan irreġistra wkoll id-*double*, meta rebaħ in-*Knock Out Competition* għall-Cousis Shield.

Is-Sitt timijiet li ħadu sehem f'dan il-*league* kienu: Sliema Wanderers, Ħamrun Spartans, Valletta United u Vittoriosa Rovers. Il-Floriana Irish kienu għadhom żarmati u flokhom daħal it-tim ta' Floriana Liberty. St.George's, wara nuqqas ta' żewġ staġuni, reġgħu ffurmaw it-tim. Mat-tim ta' Bormla kien ingħaqad il-plejer ta' Floriana, Friggieri peress li t-tim tiegħu ma kienx qiegħed jieħu sehem. Friggieri kien wieħed mill-aħjar plejers. Dan il-plejer ingħaqad ma' Bormla li kienu armati tajjeb u l-plejers tagħhom kienu wkoll rinomati.

Fil-grawnd tal-Mile End iżżarmaw it-tined li kienu waqqfu s-servizzi u għalhekk seta' jservi mill-ġdid għall-futbol. Il-kompetizzjoni bejn St.George's, Ħamrun Spartans u Sliema Wanderers kienet waħda missielta. Fil-5 ta' Novembru, 1916, St.George's u Ħamrun Spartans fetħu l-kampjonat tagħhom. Fl-ewwel taqsima l-Ħamrun kienu minn fuq b'gowl skurjat minn Darmanin. Wara l-mistrieħ il-Bormliżi attakkaw bis-sħiħ iżda l-ħarbiet veloċi u l-attakki sfaw għal xejn. Il-gowl baqa' ma ġiex, u l-logħba spiċċat b'rebħa minima għall-Ħamrun Spartans.

Fit-tieni logħba kontra l-Birgu, St.George's rebħu permezz ta' penalty. Wieħed irid jgħid li f'din il-partita kien hemm żewġ penalties oħra favur Bormla li t-tnejn li huma ma rriżultawx fi skor.

L-istess riżultat ta' 1-0 inkiseb ukoll kontra Floriana Liberty. Gowl skurjat minn Balolu Busuttil. Min-naħa l-oħra Ħamrun Spartans, wara r-rebħa fuq Bormla, ġew *draw* 2-2 kontra Valletta United, għamlu żewġ rebħiet kontra l-Liberty u r-Rovers bi skor identiku ta' 5-1. B'hekk l-Ispartans kienu jinsabu fil-quċċata tal-klassifika.

Fit-22 ta' Diċembru 1916, St.George's għamlu rebħa ferm importanti meta għelbu lill-Wanderers 2-0 biex xahar wara, fl-aħħar logħba tagħhom kontra Valletta, St.George's irreġistraw rebħa oħra b'gowl ieħor ta' Busuttil. B'hekk St.George's kienu fil-quċċata tal-klassifika bi tmien punti filwaqt li Ħamrun kienu jokkupaw it-tieni post b'punt inqas, iżda b'logħba inqas ukoll.

L-aħħar logħba tal-Ħamrun kienet kontra Sliema Wanderers u rebħa kienet tissiġillalhom is-suċċess. Mill-banda l-oħra rebħa għas-Sliema kienet tqegħidhom bl-istess numru ta' punti daqs St.George's u tkun meħtieġa *decider* bejniethom.

| | **L** | **R** | **D** | **T** | **F** | **K** | **Pti.** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| St.George's | 5 | 4 | 0 | 1 | 05 | 1 | 8 |
| Ħamrun Spartans | 4 | 3 | 1 | 0 | 13 | 4 | 7 |
| Sliema Wanderers | 4 | 3 | 0 | 1 | 14 | 6 | 6 |

Kif wieħed jista' jimmaġina, l-entużjażmu li qajmet il-logħba bejn Ħamrun u Sliema kien kbir. Wieħed irid ifakkar li r-regolament tal-*gowl average* tneħħa qabel il-bidu tal-kampjonat.



*St. George's 1916-1917, rebbieħa tal-Kampjonat Malti u l-Cousis Shield*

Il-logħba ġibdet folol kbar lejn il-Mile End fl-4 ta' Frar 1917 u kellha tkun waħda li ħalliet togħma ħażina għall-inċidenti li ġraw matul it-tieni taqsima. Ir-referee kien attakkat. Plejers ġew fl-idejn u partitarji qabżu fil-grawnd għal darba, tnejn.

Sal-mistrieħ il-Wanderers kienu fil-vantġġ ta' żewġ gowls skorjati minn Colley u Inglott. Matul it-tieni taqsima s-*supporters* attakkaw lir-referee wara li huma sostnew li ma tax fawl favur il-Ħamrun. Il-logħob goff kompla għarraq il-logħba u l-plejers Ħamruniżi ma baqgħux lura milli għamlu x-xogħol tar-referì aktar diffiċli. Għat-tieni darba l-partitarji Ħamruniżi invadew il-grawnd u kien hemm aktar inkwiet u ġlied. Matul dan il-perjodu l-Ħamrun skurjaw tliet gowls. Kulħadd ħaseb li huma kienu spiċċaw rebbieħa tal-kampjonat, iżda r-referee u l-membri tal-Melita Football Assocation ħasbu mod ieħor. Ir-referee rrapporta l-inċidenti kollha lill-Kunsill u dan iddeċieda li r-riżultat tal-logħba jkun dak li kien fl-ewwel taqsima, jiġifieri rebħa għall-Wanderers bl-iskor ta' 2-0.

Din id-deċiżjoni ġabet il-ħtieġa ta' *decider* bejn il-Bormliżi u s-Slimiżi. Il-Kunsill tal-M.F.A. kien qed jikkunsidra jekk jissospendix il-logħob għall-istaġun ta' wara biex jevita l-ġlied. Oriġinarjament il-logħba ġiet iffissata għall-11 ta' Frar u kien wara korrispondenza bejn iż-żewġ klabbs u l-M.F.A. li finalment ġiet iffissata għal nhar il-Ħadd, 4 ta' Marzu tas-sena 1917. Huwa interessanti jissemma li s-Segretarju tas-St.George's kien kiteb lill-F.A. Ingliża dwar l-avvenimenti ta' dan l-istaġun. Is-Segretarju tal-F.A. Ingliża F.J. Wall informa lill-klabb Bormliż li huma ma setgħux jindaħlu għax il-Melita Football Association ma kinetx affiljata magħhom u kienu għadhom jagħrfu lill-Malta Football Association.

Id-*decider* bejn Bormla u Sliema saret fl-4 ta' Marzu 1917 quddiem folla rekord fil-Mile End Grawnd. Ir-riżultat finali ta' 4-0 issiġilla r-rebħ tal-Kampjonat Malti li kellu jkun wieħed memorabbli għas-St.George's, kampjonat ta' suċċess li sal-lum għad qatt ma kellna bħalu fl-istorja tagħna.

## Rebbieħa tal-Cousis Shield

Biex dan l-istaġun żgur li jibqa' mfakkar mill-Bormliżi, mhux biss rebħu l-kampjonat, iżda rreġistraw *double* billi rebħu wkoll il-kompetizzjoni tan-*Knock Out*, il-Cousis Shield.

Fl-1 ta' April 1917, iċ-champions il-ġodda ltaqgħu ma' Paola Lions fl-ewwel logħba tal-*Cup Tie*. Għalkemm it-tim ta' Raħal Ġdid kien wieħed novizz, il-plejers Bormliżi sabuha diffiċli biex jiskurjaw tul id-90 minuta

u ma sar l-ebda gowl. It-tim ta' Raħal Ġdid irrifjuta li jkompli jilgħab il-ħin barrani għax kien allegat li ftit qabel it-tmiem il-logħba, plejer minn tagħhom kien iffawljat minn ieħor Bormliż, inċident li ma ġiex innutat mir-referì li ħalla l-logħob għaddej. Id-diriġenti tal-kompetizzjoni taw il-logħba b'rebħa lis-Saints billi jiltaqgħu mat-tim tal-Cottonera u l-logħba spiċċat b'rebħa għas-Saints bl-iskor ta' 4-0. Is-St.George's għaddew għall-finali wara li fis-semi finali ġew *bye*.

Valletta United kienu *bye* fl-ewwel round u fil-kwarti finali għelbu lil Qormi United 6-0. Valletta waslu fil-finali wara li Sliema Wanderers naqsu li jonoraw il-*fixture* tas-semi finali u għalhekk ħadu *walk over.* Fis-17 ta' April 1917 St.George's u Valletta United iltaqgħu fil-finali tal-Cousis Shield. Il-logħba ġibdet attendenza numeruża u kienet akkanita bis-Saints ta' Bormla jiskurjaw l-uniku gowl tal-logħba fl-aħħar ħinijiet tat-tieni taqsima. Bir-rebħ tal-Cousis Shield, wara r-rebħ tal-Kampjonat, St.George's kisbu d-*double* wara staġun ta' trijonf. Kien staġun tassew tad-deheb!

***NB: Dan ir-rapport, meħud mill-ktieb Il-Pijunieri tal-Football Malti, li kien ippubblikat fis-sena 1990 mis-St.George's Football Club qed jidher mill-ġdid f'din il-pubblikazzjoni fl-okkażjoni tal-Mitt Sena minn meta St.George's ta' Bormla rebħu l-Kampjonat Malti fl-istaġun 1916 / 17. L-awturi tal-ktieb kienu s-Sinjuri Sunny Aquilina, Louis Fsadni, Harry Garrett u Louis Spiteri.***



DINMAUR
SWIMMING POOL SERVICE
TONY RAGGIO
75, St. Margerita Street, Cospicua CSP 1370, Malta
Mob: 9949 5324 • 9949 7284